**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Lulju, 2020**

**Avviz Nru: 150/2008 MLF**

**J. C. Services Ltd**

**vs**

**Bianchi Trading & Shipping Ltd**
**u**
**Eurofreight Services Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' €7,842 (seba' t'elef tmien mija u tnejn u erbghin ewro) rapprezentanti rifuzzjoni ta' hlas ta' demurrage charges u hlasijiet ohra maghmula mis-socjeta' attrici lis-socjetajiet konvenuti liema hlasijiet ma kienux dovuti mis-socjeta' attrici.

Bl-interessi dekoribbli mid-data tal-istess hlas sad-data tal-pagament, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru, 2007.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd li permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' konvenuta ma hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza stante illi din agixxiet bhala agenti ta' socjeta' terza u kwindi kellha tigi mharrka fil-vesti rappresentattiva taghha qua agent;

2. Illi ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jezisti l-ebda rapport guridiku bejn is-socjeta' esponenti u s-socjeta' attrici stante illi kwalunkwe ftehim, negozjati, u struzzjonijiet saru direttament mas-socjeta' intimata Eurofreight Services Ltd li ghalhekk hija s-socjeta' responsabbli lejn ir-rikorrenti. Kien biss fl-ahhar stadju tan-negozjati fuq is-suggett mertu tal-proceduri, li s-socjeta' rikorrenti dahlet fl-istorja u bdiet tippretendi riduzzjoni fil-prezz pagabbli ghas-servizzi moghtija mis-socjeta' esponenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-"demurrage charges" gew fil-fatt inkorsi u ghalhekk huma dovuti.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici gia hallset l-ammont dovut minnha rapprezentanti bhala "demurrage charges" liema fatt jikkostitwixxi accettazzjoni tal-obbligu ta' hlas ta' dan l-ammont.

5. Illi in kwantu ghad-danni allegati, is-socjeta' rikorrenti trid tipprova d-danni allegatament subiti minnha.

6. Illi fi kwalunkwe kaz, jekk huwa minnu illi s-socjeta' attrici inkorriet danni, dan sar biss minhabba nuqqas unilaterali da parti taghha li thallas dak dovut minnha ghas-servizzi tas-socjeta' esponenti moghtija fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta' intimata l-ohra. Is-socjeta' rikorrenti kienet avzata mis-socjeta' esponenti bil-konsegwenzi ta' tali nuqqas ta' hlas, pero' xorta baqghet inadempjenti ghal perjodu twil sakemm fl-ahhar iddecidiet tissalda l-kontijiet taghha. Ghaldaqstant kwalunkwe danni illi setghet soffriet is-socjeta' attrici bhala rizultat tad-dewmien allegat minnha, huma unikament imputabbli lin-nuqqasijiet ta' l-istess socjeta' attrici.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Eurofreight Services Ltd li permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija wahda improponibbli stante illi s-socjeta' attrici kienet ipprezentat kawza ohra fl-istess ismijiet u fuq l-istess mertu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar (Talba Numru: 150/08 PBC) liema kawza giet eventwalment ceduta mis-socjeta' attrici u l-ispejjez ta' dik il-kawza ghadhom ma thallsux u dana ai termini tal-artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi li hija m'hix il-legittimu kuntradittur f'dina l-kawza stante illi hija qatt ma kellha relazzjoni guridika mal-attrici.

3. Illi fil-mertu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2010,[1] is-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd irtirat l-ewwel eccezzjoni fir-risposta taghha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' attrici hija nvoluta fin-negozju ta' importazzjoni u esportazzjoni ta' batteriji. Fil-kaz mertu ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' attrici riedet tesporta numru ta' batteriji uzati minn Malta ghal gewwa Busan, fil-Korea t'Isfel. Ghal dan l-iskop, is-socjeta' attrici kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd sabiex torganizza dan it-trasport,

[1] Ara l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2010 a *fol.* 27 tal-process.

li da parti taghha inkarigat lis-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd li hija l-agent f'Malta tad-ditta *Maersk Sealand*.[2]

2. Fit-12 ta' Settembru 2005, is-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd baghtet stima riveduta permezz ta' *email* lil Joseph Ciappara, direttur tas-socjeta' attrici, liema stima kienet tinkludi r-rati applikabbli ghas-servizzi mitluba mis-socjeta' attrici. Fil-parti t'isfel ta' din l-*email* kien hemm indikat illi "*Rates are valid for standard, dry, non-hazardous cargo and exclude: Marine Insurance, duties, taxes, VAT and any storage or demurrage incurred.*"[3]

3. Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li effettivament kien hemm dewmien sabiex dawn il-containers setghu jigu esportati, liema dewmien kien dovut ghal fatt li s-socjeta' attrici kienet tehtieg li tottjeni il-permess relattiv ghall-esportazzjoni ta' dawn il-batteriji mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Wahda mill-kundizzjonijiet ta' dan il-permess kienet timponi limitazzjoni f'konsenja wahda sa massimu ta' 120 tunnellata, u dan in vista tal-fatt li l-garanzija bankarja provduta mis-socjeta' attrici kienet f'ammont li jillimita l-esportazzjoni f'darba wahda sa massimu ta' dan it-tunnellagg.[4] B'konsegwenza ta' din il-limitazzjoni, kien hemm dewmien ukoll peress li l-polza ta' karigu relattiv kellu jigi emendat diversi drabi.[5]

4. Dawn il-batteriji gew esportati f'zewg konsenji konsistenti numru ta' containers. L-ewwel konsenja kienet tinvolvi hames containers u telqet mill-port ta' Malta fl-20 ta' Ottubru 2005. It-tieni konsenja kienet tinvolvi sitt containers u telqet mill-port ta' Malta fit-23 ta' Dicembru 2005.[6] Fir-rigward ta' l-ewwel konsenja, is-socjeta' attrici hallset direttament lis-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd. Qamet kwistjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-hlas tat-tieni konsenja, u dan peress li s-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd bdiet tippretendi minghand is-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd il-hlas ta' *demurrage charges* in vista tal-fatt li kien hemm dewmien fl-esportazzjoni ta' dawn il-containers.

---

[2] Ara l-Bill of Lading a *fol.* 52 tal-process.
[3] Ara Dok KC1 a *fol.* 97 tal-process
[4] Ara Notification Document Number MT 00029 a *fol.* 70 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Noel Chircop a *fol.* 40 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' George Attard a *fol.* 43 tal-process.

5. Da parti taghha, is-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd talbet dan il-hlas minghand is-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici rrifjutat li taghmel hlasijiet fir-rigward ta' *demurrage* u ghalhekk meta l-konsenja waslet fil-port ta' Busan fil-Korea t'Isfel, is-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd zammet il-polza ta' karigu relattiv ghal din il-konsenja, bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici ma setghetx tipprocedi bir-rilaxx tal-istess merkanzija.[7]

6. Fil-frattemp kienu ghaddejjin diskussjonijet bejn il-partijiet, liema diskussjonijiet waslu fi ftehim li s-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd tnaqqas it-talba taghha ta' hlas ghall-hlas ta' *demurrage charges* bi 35%, u da parti taghha is-socjeta' attrici hallset bi protesta is-somma ta' USD5,492, sabiex il-merkanzija tkun tista' tigi rilaxxata minn gewwa l-port ta' Busan.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-socjetajiet konvenuti ressqu eccezzjonjiiet ta' natura preliminari li jehtieg li jigu trattati u decizi qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-vertenza odjerna. L-ewwel ser jigu ttratati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd u sussegwentement ser tigi trattata it-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd.

*L-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd – Legittimu Kontradittur u n-Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika*

Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg eccezzjonjiet tas-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd ghandhom jigu trattati flimkien stante li huma relatati. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta ssostni li hija mhijiex il-legittimu kuntradittur tat-talbiet attrici u dan stante li hi agixxiet biss bhala agent ta' socjeta' terza u ghalhekk kellha tigi mharrka fil-vesti taghha ta' agent. Fit-tieni eccezzjoni s-socjeta' konvenuta qeghda teccepixxi li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta' attrici.

[7] Ara x-xhieda ta' Joseph Ciappara a *fol.* 29 tal-process.
[8] Ara email datata 10 ta' Jannar 2006 a *fol.* 111 tal-process.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **S & R Handaq Ltd vs Focal Maritime Services Company Ltd** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[9] fit-30 ta' Mejju 2007 "*Is-socjetà appellanti ma tistax tiddizimpenja ruhha mill-obbligi taghha billi tavvanza d-difiza li ghax hi "agent marittimu", implicitament dan ghandu jfisser dejjem u bilfors li f'din il-kwalità hi kienet qed tagixxi f'isem xi principal.*" Huwa minnu li l-polza ta' karigu tindika l-vettural bhala Maersk Sealand.[10] Madanakollu din il-polza hija prova dokumentarja li l-vettural obbliga ruhu li jitrasporta merkanzija minn post ghall-iehor taht il-kundizzjonijiet indikati fl-istess polza. Ghandu jigi osservat li l-azzjoni kif proposta ma hijiex naxxenti mill-polza ta' karigu izda hija bazata fuq refuzjoni ta' pagament indebitu allegatament maghmul mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd. Ghalhekk galadarba mill-provi jirrizulta li dan il-hlas sar direttament mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd,[11] u galadarba hija mankanti l-prova li dan il-hlas gie mghoddi lill-principal taghha, isegwi li din is-socjeta' konvenuta kellha tigi mharrka fil-kwalita' personali taghha.

Fir-rigward imbaghad tat-tieni eccezzjoni, fis-sentenza **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**, deciza fl-10 ta' Jannar 2007, il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[12] irriteniet hekk:

*"B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Huwa minnu li mill-provi prodotti rrizulta minghajr ebda dubbju li r-relazzjoni kontrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta l-ohra Eurofreight Services Ltd. Madankollu, kif gie osservat fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, it-talba tas-socjeta' attrici hija msejsa fuq l-istitut ta' *indebiti solutio*, u cioe' li s-socjeta' konvenuta thallset indebitament is-

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[10] Ara Bill of Lading a *fol.* 137 tal-process
[11] Ara x-xhieda ta' George Attard a *fol.* 43 tal-process
[12] *Per* Imhallef Philip Sciberras

somma ndikata fl-avviz. Isegwi ghalhekk li s-socjeta` attrici ma hijiex tippretendi l-hlas ta' kreditu minghand din is-socjeta' konvenuta ghab-bazi tar-relazzjoni kontrattwali relattiva ghat-trasport tal-konsenja mertu ta' din il-kawza. Dak li qed tippretendi s-socjeta' attrici hija l-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-obbligazzjoni restitutorja, u cioe' sabiex is-socjeta` konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd bhala l-entita' li rceviet il-hlas tirrestitwilha l-indebitu reklamat. Ghalhekk ir-relazzjoni guridika inholqot fil-mument li s-socjeta' attrici ghamlet il-hlas direttament lis-socjeta' Bianchi Trading & Shipping Ltd.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel u t-tieni eccezzjonjiiet tas-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd ser jigu michuda.

*It-tieni eccezzjoni tas-socjeta' Eurofreight Services Ltd - Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika*

Permezz ta' din l-eccezzjoni, is-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd ssostni li hija mhijiex il-legittimu kuntradittur tat-talbiet attrici stante li qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

Fis-sentenza **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet hekk:

"*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.*"

Mill-provi irrizulta minghajr ombra ta' dubbju illi s-socjeta' attrici kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd sabiex torganizza t-trasport ta' batteriji minn Malta ghal Busan. Is-socjeta' konvenuta l-ohra Bianchi Trading & Shipping Ltd dahlet fix-xena

sussegwentement u dan ghaliex is-socjeta' Eurofreight Services Ltd kienet tehtieg is-servizzi taghha sabiex tezegwixxi l-inkarigu moghti lilha. F'dan ir-rigward Joseph Ciappara, d-direttur tas-socjeta' attrici, xehed illi "*Jiena l-ordni in rigward it-trasport tal-containers kont ghamiltha mas-socjeta' Eurofreight ... ... Jiena dwar garr ta' containers mas-socjeta' Bianchi qatt ma kelli negozjati jew xi ftehim.*"[13] Noel Chircop, General Manager fi hdan is-socjeta' Eurofreight Services Ltd jibda d-deposizzjoni tieghu billi jghid "*Niftakar it-transazzjoni in ezami bejn Euro Freight Services u s-socjeta' attrici J. C. Services Ltd*".[14] Ghalhekk, huwa evidenti li din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd ma hijiex misthoqqa u dan peress jirrizulta kjarament li hemm relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd ma tistax tigi milqugha.

*Il-Mertu*

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qeghda titlob ir-rifuzjoni ta' hlasijiet maghmula minnha lis-socjetajiet konvenuti fir-rigward ta' *demurrage charges* u hlasijiet ohra. Is-socjeta' attrici ma hijiex qeghda tikkontendi li dawn il-hlasijiet ma kienux dovuti ghaliex ma kienx hemm dewmien attribwibbli lilha sabiex il-konsenja *de quo* setghet titlaq mill-port ta' Malta, tant li dan huwa fatt ammess mill-istess socjeta' attrici tramite x-xhieda tad-direttur taghha Joseph Ciappara.[15]

Il-kontestazzjoni tas-socjeta' attrici ghal dawn il-hlasijiet hi li l-istima moghtija lilha mis-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd ma kinitx tinkludi rati u informazzjoni dwar kif tapplika d-*demurrage*. Joseph Ciappara xehed li waqt li kien ghaddej iz-zmien u l-merkanzija ma setghetx tigi esportata, huwa kien gie infurmat minn Karen Calleja, rapprezentanta tas-socjeta' Eurofreight Services Ltd li b'konsegwenza ta' dan id-dewmien kienu qeghdin jigu inkorsi spejjez ta' *demurrage*. Minkejja dan huwa jghid li kien kellem lil xi persuna mis-socjeta' Bianchi Trading & Shipping Ltd li kienet infurmatu li ma kienux ser japplikaw *demurrage charges*. Madankollu ma kienx f'posizzjoni li jidentifika min kienet tali persuna.

[13] Ara x-xhieda ta' Joseph Ciappara a *fol.* 29 tal-process.
[14] Ara x-xhieda ta' Noel Chircop a *fol.* 39 tal-process.
[15] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Ciappara a *fol.* 115 tal-process.

In oltre, is-socjeta' attrici tikkontendi wkoll li l-hlas fir-rigward ta' *demurrage* intalab biss wara li t-tieni konsenja kienet telqet mill-port ta' Malta u mhux wara li kienet intbaghtet l-ewwel konsenja, u ssostni li dan il-fatt kompla sahhah il-konvinzjoni taghha li ma kien hemm l-ebda *demurrage* dovut.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Hector Naudi noe vs Chiara Peresso noe** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[16] irriteniet illi:

"*Demurrage, allura, ma huma xejn hlief danni ghad-dewmien, tip ta' danni li huma anke kontemplata fil-Kodici Civili (artikolu 1130) . Meta jigi impost zmien ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni, id-debitur jigi mqieghed in mora bl-gheluq biss ta' dak iz-zmien. Dawn id-danni jistghu jigu likwidati minn qabel, u meta jkun hekk, kif jiddisponi l-artikolu 1138 tal-Kodici Civili, "ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar." Dan huwa principju assodat fis-sistema guridiku Malti. Meta zewg partijiet jiftehmu minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bhala espressjoni tal-volonta' libera taghhom.*"

George Attard, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd xehed li f'dan il-kaz il-hlas ta' l-ispejjez ta' *demurrage* inhadem ghab-bazi tar-rati stabbiliti mill-principal kif jirrizultaw mill-polza ta' karigu relattiv ghat-trasport tal-merkanzija mertu tal-kawza.[17] Din id-dikjarazzjoni ma gietx kontradetta mis-socjeta' attrici. Il-polza ta' karigu kienet tinkludi r-responsabilitajiet tas-socjeta' attrici bhala l-ispeditur tal-merkanzija, fosthom kundizzjoni li permezz taghha gie espressament indikat illi l-ispeditur kellu jaghmel tajjeb ghal kull telf li t-tasportatur seta' jsofri fir-rigward ta' dawn il-containers, inkluz telf b'konsegwenza ta' dewmien. L-istess polza kienet tinkludi kundizzjoni li tawtorizza lit-trasportatur izomm il-merkanzija u kwalunkwe dokument relatat maghha bhala garanzija ghal kwalunkwe somma li tista' tkun dovuta lit-trasportatur fir-rigward tal-istess merkanzija. In oltre, taht il-klawsola numru 2 intitolata *Carrier's Tariff* kien hemm indikat illi l-polza ta' karigu tinkludi t-termini u l-kundizzjonijet tat-trasportatur u fejn ingibdet l-attenzjoni tal-ispeditur ghat-termini relatati mal-hazna bla hlas "*and to container and vehicle demurrage or detention*". [18]

[16] *Per* Imhallef Tonio Mallia.
[17] Ara x-xhieda ta' George Attard a fol. 44 tal-process u l-Bill of Lading a *fol.* 52 tal-process.
[18] Ara l-Multimodal Bill of Lading a *fol.* 52 sa 55 tal-process.

Is-socjeta' attrici ma tistax tinheba wara l-iskuza li hi ma kinitx konsapevoli ta' dawn il-kundizzjonijet. Fl-ewwel lok jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd kienet infurmat lis-socjeta' attrici illi l-ispejjez ta' *demurrage* ma kienux inkluzi fil-prezz kwotat u dan peress illi fl-*email* li permezz taghha giet mibghuta l-istima tal-prezz lis-socjeta' attrici gie indikat espressament li "*Rates are valid for standard, dry, non-hazardous cargo and exclude : Marine Insurance, duties, taxes, VAT and any storage or demurrage incurred*." [19] Ghalhekk, kien obbligu tal-istess socjeta' attrici li tivverifika x'kienu ser ikunu specifikatament il-kundizzjonjijiet tad-demuragge relatati mat-trasport tal-merkanzija, qabel ma accettat il-proposta tas-socjeta konvenuta Eurofreight Services Ltd. Fit-tieni lok, mill-provi jirrizulta li l-polza ta' karigu giet emendata u mibghuta lis-socjeta' attrici diversi drabi qabel ma' saret l-ewwel konsenja tant li dawn l-emendi kienu fost ir-ragunijiet tad-dewmien, u ghalhekk is-socjeta' attrici kellha l-hin kollu necessarju ghad-disposizzjoni taghha sabiex tivverifika x'kienu l-kundizzjonijiet li jifformaw parti mill-polza ta' karigu.

Il-Qorti tosserva wkoll li jirrizultaw diversi inkonsistenzi fil-verzjoni ta' Joseph Ciappara u dan billi filwaqt li jinsisti li l-istimi kienu nghaddu lilu bil-fomm biss mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd, mill-provi jirrizulta li dawn l-istimi kienu ntbghatu permezz ta' *emails*. B'zieda ma' dan, minkejja li jinsisti li kien ikkomunika direttament mas-socjeta' konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd permezz tat-telefon fejn gie infurmat li ma kienux ser jigu applikati *demurrage charges*, huwa ma kienx f'posizzjoni li jindika min kienet il-persuna li maghha saret din l-allegata komunikazzjoni.[20] Din ghalhekk ma hija xejn hlief dikjarazzjoni unilaterali li ma hi sopportata bl-ebda prova in atti. Is-socjeta' attrici ma produciet l-ebda prova li r-rati li ghab-bazi taghhom inhadem id-*demurrage* ma kienux dawk stabbiliti fil-polza ta' karigu, jew li kien hemm ftehim bejn il-partijiet b'kundizzjonijiet differenti minn dawk li jinstabu fil-polza ta' karigu. Il-kawza ghamlitha s-socjeta attrici u ghalhekk fuqha kien jinkombi l-piz tal-prova u mhux tas-semplici suspett.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi is-socjeta attrici ma ipprovatx it-talba taghha.

---

[19] Ara l-emails mmarkati bhala Dok KC 1 a *fol.* 97 sa 99 tal-process.
[20] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Ciappara a *fol.* 119 u 120 tal-process.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta Eurofreight Services Ltd stante li din giet minnha irtirata;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta Eurofreight Services Ltd;

3. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Bianchi Trading & Shipping Ltd;

4. Tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjetajiet konvenuti;

5. Konsegwentement tichad it-talba attrici fl-interita’ taghha.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta’ attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**